Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1006

25.4.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 238/2023

## tat-22 ta' Settembru 2023

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/1006]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2022/2380 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li temenda d-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 4zzr (id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XVIII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32022 L 2380**: Id-Direttiva (UE) 2022/2380 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 30)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Direttiva (UE) 2022/2380 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' Settembru 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Pascal SCHAFHAUSER

([1]) ĠU L 315, 7.12.2022, p. 30.
* No constitutional requirements indicated.